KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 46 ad hoc — IS-SITT KUNSILL

Is-sitta u erbgħin seduta Ad hoc tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa **7 ta' Settembru, 2011** fis-5.45 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

## PREŻENTI

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Edward Cuschieri, Nicolai Gauci u Julian Galea.

## APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))

Il-Kunsilliera Sandra Camilleri avżat li ma setatx tattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsillier Yves Cali avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsillier Martin Debono avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsillier Nikki Dimech avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillieri msemmija bħala raġonevoli.

Il-Kunsillier P. Pace.

## ASSENTI

~~Il-Kunsillier Patrick Pace~~

## UFFIĊĊJALI PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi
*Assistant Principal* Stefania Friggieri
Is-Sur Joseph Tabone, Head Monitoring Unit, Dipartiment Gvern Lokali
Is-Sur Chris Galea, Uffiċjal Monitoring Unit, Dipartiment Gvern Lokali

Is-Sindku ppresediet.

46.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapport dwar it-Tiżjin fit-Toroq bid-dawl għal żmien il-Milied

46.1.1 Il-Viċi Sindku qal li wara li ra r-rapport li pprepara l-Inġinjier tal-Kunsill, qed jipproponi li jsir xi tibdil. Huwa qal li jkun aħjar jekk l-Kunsill iżejjen iż-żona ċirkostanti tal-Parrocca. ***Dok 'A' anness mal-minuti.*** Dan id-dokument tqassam lill-Kunsilliera preżenti.

46.1.2 Il-Kunsill kien infurmat li l-istima tal-ispiża proġettata fir-rapport tal-Inġinjier hija għal dwal mikrija.

46.1.3 Saret diskussjoni dwar liema toroq għandhom ikunu imżejjna. Is-Sindku qalet li taqbel li t-toroq imżejjna għandhom ikunu dawk ta' madwar il-parroċċi. Kien issuġġerit li Triq Dingli tiżżejjen ukoll iżda li l-Kunsill ikollu l-fakulta li jagħżel li jżejjen din it-triq ladarba jkollu stampa iktar ċara tal-prezzijiet. Issemmiet il-probabilta li Triq it-Torri wkoll tkun imżejjna għal perjodu festiv. Il-Kunsillier Galea qal li biex tintrema Triq it-Torri il-Kunsill jidħol fi spiża eċċessiva. Kien ukoll issuġġerit li t-triq ta' quddiem il-Knisja ta' Nazzarenu tintrama bid-dwal tal-Milied. Is-Sindku qalet li filkaż tintalab stima għat-toroq ndikati mill-Viċi Sindku skont il-pjanta. Kien hemm qbil dwar dan.

46.1.4 Il-Viċi Sindku qal li ~~filkaż inwaħħlu xi tip ta' banners li jagħtu~~ għandu jkun hemm disinn ta' dawl il- l-awguri mill-Kunsill bħal per eżempju "Il-Milied it-tajjeb mill-Kunsill Lokali Tas-Sliema".

46.1.5 Il-Kunsillier Galea qal li fuq iz-zuntier tal-Knisja tan-Nazzarenu tista' tintrama sigra tal-Milied bil-ponsjetti. Is-Sindku qalet li s-sena l-oħra l-Kunsill sab xi problemi mal-kuntrattur magħżul. Is-Sindku qalet li l-Viċi Sindku għandu jiltaqa' mas-Sinjura Grace Borg biex jiddiskuti l-attivitajiet tal-Milied u din tista' tkun waħda mill-materji tad-diskussjoni.

46.1.6 Il-Kunsillier Cuschieri qal li jkun tajjeb jekk jintrama il-Promenade u x-Xatt ukoll bit-tiżjin tal-Milied. Is-Sindku fakkret lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ħa deċiżjoni inqas minn erba' xhur ilu li jżejjen madwar il-parroċċi. Fakkret ukoll li s-sena l-oħra is-*Sliema Business Community* stess qalet li tista' tagħti prodott aħjar minn dak li ta l-Kunsill. Qalet li l-parti kbira ta' Tas-Sliema se tkun mixgħula għal festi tal-Milied għaliex l-SBC kienu se jarmaw iz-zona kummerċjali waqt li l-Kunsill kien se jarma z-zona residenzjali, kif kien maqbul waqt laqgħa tal-Kunsill.

46.1.7 Il-Kunsilliera M. Aquilina staqsiet jekk il-Kunsill jistax jarma l-*fairy lights* liema dwal kienu diġa mħallsa. Is-Sindku fakkret li l-Kunsill għadu qiegħed jistenna appuntament mid-Direttur għal Gvern Lokali s-Sur Abela, biex jiġi diskuss dan is-suġġett. Qalet li hi kienet ġiet mitluba *meeting* minn Dott. Malcolm

Mifsud fil-kapacita tiegħu bħala l-Avukat tal-PMG. Qalet li dan il-*meeting* kellu jsir fil-preżenza tad-Direttur u tal-Avukat tal-Kunsill.

46.1.8 Is-Sindku pproponiet li l-Inġinjier għandu jipprepara dokument li juri diversi *specifications* f'diversi possibilitajiet ta' dwal u li l-Kunsill ikollu l-possibilta li jagħżel l-opzjoni li tkun l-iktar favorevoli. Fost it-tip ta' dwal issemgħu *rope lighting/LED, festoon lighting* u *fairy lights.* Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

46.1.9 Is-Sindku qalet li l-Kunsill jista' jikkunsidra li jarma Triq it-Torri b'*motifs* u li għal darb' oħra l-Kunsill jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu ladarba jkollu stampa iktar ċara tal-prezzijiet.

46.1.10 Saret diskussjoni dwar min għandu japplika għal *meter* mal-Enemalta. Is-Sindku qalet li kienet nfurmata li jkun aħjar jekk japplika l-Kunsill għal *meter* milli l-kuntrattur. Kien hemm qbil unanimu li għandhom jinħargu tlett BOQs għal: kiri ta' dwal għat-tiżjin tal-Milied fit-toroq; xiri ta' dwal għat-tiżjin tal-Milied fit-toroq; u installazzjoni, *metering* u żarmar tat-tiżjin tal-Milied fit-toroq.

46.1.11 Saret diskussjoni dwar il-perjodu li fih id-dwal għandhom jinxtegħlu. Il-Kunsill qabel li d-dwal għandhom jinxtegħlu mill-1 ta' Diċembru, 2011 sat-8 ta' Jannar 2012. Id-dwal jizzarmaw fid-9 ta' Jannar 2012. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dan.

46.1.12 Kien hemm qbil unanimu li z-zona li tintrama bid-dwal tal-Milied quddiem il-Knisja ta' Nazzarenu tkun dik ta' bejn il-*Burger King* u l-*La Rive.* U li d-dwal għandhom jintramaw in-naħa tal-knisja biss u mhux man-naħa tal-baħar.

46.1.13 Kien hemm qbil ukoll fost il-Kunsilliera preżenti li għal ġimgħa tal-Milied jiġifieri mit-23 ta' Diċembru 2011 sat-2 ta' Jannar 2012 id-dawl fit-toroq jibqa' mixgħul sal-4 ta' filgħodu. Filwaqt li għal kumplament tal-ġranet id-dawl jibqa' mixgħul sas-1 ta' filgħodu.

46.1.14 Kien hemm qbil ukoll fost il-Kunsilliera preżenti li jekk ma jinżamux dawn il-ħinijiet ikun hemm penali.

46.1.15 Il-Kunsill jispeċifika li m'għandux ikun hemm *tinsle* mad-dwal.

46.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

46.2.1 Il-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mis-Sur Falzon li qed jitlob kumpens mill-Kunsill għaliex għadda trakk minn fuq l-*inspection chamber* tiegħu u għamillu l-ħsara. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li din il-korrispondenza għandha tiġi mibgħuta lill-Avukat tal-Kunsill għall-parir legali tagħha.

46.2.2 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza minn *Arrigo Group of Hotels Limited* rigward talba għal *loading/unloading bay.* Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni l-korrispondenza mibgħuta mill-*Contracts Manager* kif mistoqsi fil-laqgħa precedenti. Il-Kunsill ma qabelx b'mod unanimu li li jibqa kollox kif inhu għaliex ma jaffordjax li t-traffiku jiġi mwaħħal.

46.2.3 Is-Sindku rreferiet għall-komunikazzjoni li saret bejn il-Kunsilliera u l-Kunsill dwar it-talba minn San Girgor biex jitħallew il-latrini pubbliċi tal-Ġnien Indipendenza li kellhom jitħallew miftuħin sas-1 ta' filgħodu minħabba l-festa. Is-Sindku qalet li kellna nieħdu deċiżjoni permezz tat-telefon minħabba n-nuqqas ta' żmien li kien hemm. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien se jonfoq madwar €80. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

46.2.4 Is-Sindku rreferiet għas-suġġeriment li kien għamel il-Kunsillier M. Debono fejn staqsa jistax il-kuntratt tal-iskart imħallat ikun għal sentejn biex il-Kunsill ta' warajna ma jkunx marbut bl-istess kuntratt li jkun għażel dan il-Kunsill. Is-Sindku qrat ir-risposta li rċevejna mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informawna li l-kuntratt għandu jkun għal erba snin.

46.2.5 Is-Sindku irreferiet għall-komunikazzjoni precedenti dwar il-każ tas-Sur Raymond Cachia fejn talab għal ħlas permezz ta' ittra mibgħuta mill-Avukat A. Grima. Is-Sindku qrat ir-risposta mill-avukat tal-Kunsill fejn infurmat lill-Kunsilliera preżenti li r-risposta minn naħa tagħna kienet li l-Kunsill ma jistax jikkunsidra li jsir il-ħlas sakemm il-kawża kriminali li hija relattata tkun ġiet definittivament konkluża.

46.2.6 Is-Sindku irreferiet għall-komunikazzjoni minn Dr Gauci Maistre b'referenza ghal attivita *Play Me, I'm Yours* fejn infurmat li l-pjanu se jitpoġġa f'Bisazza mill-21 ta' Settembru, 2011. Il-Kunsill qabel ma dan u qabel ukoll li għandu jkun magħraf sakemm se ddum l-attivita f'Tas-Sliema.

46.2.7 Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-risposta li nghatat mill-Uffiċċjal Awtorizzat David Soler għal mistoqsija tal-Kunsillier Camilleri. Is-Sur Soler qal li ma nħargux ċitazzjonijiet għaliex il-gwardjani lokali ma nzertawx nies jitimgħu l-ħamiem.

46.2.8 Tressqet kwotazzjoni mingħand is-Sur Tony Aquilina tax-xogħlijiet ta' dsatax-il *culvert* f'Tas-Sliema li għandhom jitnaddfu għall-ammont ta' madwar €4870. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

46.2.9 Il-Kunsillier J. Galea xtaq jivverifika jekk il-kuntrattur Tony Aquilina ppreżentax stimi għax-xogħlijiet li jkun se jagħmel. Il-Kunsill kien infurmat li l-Kunsill dejjem ircieva stima tax-xogħlijiet għal approvazzjoni tiegħu. Qabel mal-kuntrattur ikun imħallas il-Perit jiccertifika x-xogħol li jkun sar. Il-Kunsill kien infurmat mill-Perit dwar dokumenti li kellhom miktub il-kelma 'estimate' u li kien talab li jigu riveduti u li filfatt il-Kunsill mexa fuq il-parir tal-Perit. Il-Kunsill kien ukoll infurmat li fuq talba tal-Kunsillier M. Debono dawn l-istess stimi kienu ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha għall-attenzjoni tagħhom permezz tal-*email*.

46.2.10 Il-Viċi Sindku qal li jkun aħjar li l-Perit tal-Kunsill iwettaq ix-xogħlijiet li għandu jwettaq kif mitlub mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku staqsa dwar id-*default notices*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li preżentatment il-Perit qiegħed jirrispondi l-komunikati li jisru miegħu u bgħat ukoll xi pjanti li kienu mitluba dwar Triq Sant' Enriku.

*Is-seduta ġiet sospiża għal ftit minuti.*

46.2.11 Is-seduta tkompliet fis-6.39 ta' filghaxija.

46.2.12 Is-Sindku ressqet għal attenzjoni tal-Kunsill il-pjanti ta' Triq Sant 'Enriku mill-Perit. Saret diskussjoni dwar liema naħa tat-triq tista' tieħu l-iktar *parking bays*. Kien maqbul li fuqq in-naħa opposta tat-triq joqgħodu iktar *parking spaces*. Saret diskussjoni dwar jekk il-Kunsill jaqbilx li l-*parking spaces* għandhomx jitpingew fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Kien ukoll diskuss jekk il-Perit għandux jitħallas ladarba x-xogħol sar. Il-Kunsillier Galea qal li l-Kunsill irid joqgħod attent li legalment dan ikun accettabli. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera preżenti jaqblux li l-pjanti jintbgħatu lit-TM għall-approvazzjoni tagħha. Il-Viċi Sindku qal li hu jaqbel li jintbaghtu l-pjanti imma fl-istess ħin ma jaqbilx li jsir il-ħlas għaliex il-Kunsill ilu żmien twil jitlob li jitwettqu dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li min-naħa l-oħra l-Kunsill għandu jikkonsidra l-fatt li la l-Kunsill ikun se jutilizza l-pjanti tal-Perit u ladarba x-xogħol sar il-Perit irid iħallas għas-servizz mogħti.

*46.2.12.1* Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti li l-pjanti jintbaghtu lit-Transport Malta għall-approvazzjoni.

*46.2.12.2* Il-Viċi Sindku ippropona li peress li l-pjanti mitluba ġew wara sena kif ukoll wara d-*deadline* li l-Kunsill ta lil Perit dan m'għandux jitħallas għalihom. Il-Kunsilliera M. Aquilina issekondat. Is-Sindku, Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera M. Aquilina u N. Gauci ivvotaw favur. Il-Kunsilliera E. Cuschieri u J. Galea astjenew.

46.2.12.3 Dwar id-*default notices*, is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet għall-parir legali fejn l-avukat infurmat li jekk ma jwettaqx ix-xogħol il-Kunsill seta jiddeciedi li jwaqqaf il-kuntratt. Il-klawżoli mill-kuntratt gew moqrija. Min-naħa l-oħra s-Segretarju gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Perit beda jwettaq ix-xogħol mitlub mill-Kunsill.

46.2.12.4 Il-Kunsill kien infurmat li l-Perit talab ukoll sabiex issir laqgħa fejn ikun diskussi l-affarijiet pendenti. Kien issuggerrixxa li tiġi ffisata proviżjonalment data: 26 ta' Settembru, 2011. Gie innutat ukoll li l-Perit għad irid jikkonferma.

46.2.12.5 Saret diskussjoni u s-Sindku ipproponiet li l-Kunsill jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu wara l-laqgħa mal-Perit tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera preżenti.

46.2.13 F'dan l-istadju s-Sindku pproponiet li l-laqgħat isiru nhar ta' Gimgħa. Kien hemm diskussjoni dwar dan. Kien maqbul li l-laqgħa tax-xahar li jmiss li tinkludi l-minuti u l-pagamenti għandha ssir il-Gimgħa 30 ta' Settembru 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

46.2.14 Il-Kunsill iddiskuta korrispondenza mis-*Sliema Wanderers F.C* dwar attivita *Noel Turner Testimonial Match* b' kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Tas-Sliema. Il-Viċi Sindku ippropona li ssir din l-attivita. Is-Sindku issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jagħmel avviż fil-*magazine* tas-*Sliema Wanderers F.C.*, nipprovdu *screen*, *stage*, *dwal*, *refreshments* u jekk hemm bżonn ta' affarijiet oħra li l-*capping* ikun sa €1500. Il-Kunsillier N. Gauci staqsa jekk hux possibbli li l-Kunsill jagħmel xi tip ta' *tropheys*. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiltaqa' mar-rappreżentant tas-*Sliema Wanderers F.C.* is-Sur T. Muscat għall-aktar dettalji.

46.2.15 Tressqet ukoll korrispondenza dwar il-pont ta' Triq il-Kullegg l-Antik.

46.2.16 Il-Viċi Sindku talab xi korrispondenza oħra relatata mal-pont u l-laqgħa ġiet sospiza fis-7.06 ta' filgħaxija sakemm is-Segretarju Eżekuttiv marret għall-korrispondenza mitluba.

*Is-seduta tkompliet fis-7.10 ta' filgħaxija.*

46.2.17 Ġew ippreżentati diversi komunikazzjonjiet bejn il-Kunsill u l-MRRA, TM kif ukoll il-Pulizija dwar il-pont li jmorru lura sa mis-sena 2008. Waħda mill-korrispondenza tgħid li kellu jmur il-perit tal-MRRA kif ukoll tat-TM. Is-Sindku qalet li milli jidher ħadt ma jrid jieħu r-responsabbilta fejn tħoss li jekk ikun hemm bżonn dan il-pont jingħalaq għat-traffiku.

46.1 Affarijiet Oħra

46.1.1 Il-Viċi Sindku irrimarka li qiegħed jirċievi ilmenti li whud mill-*emails* mhumiex qegħdin jiġu risposti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-impjegati tal-Kunsill qiegħed jagħmel l-aħjar possibli fic-cirkostanzi li qed jopera fih. Il-Kunsillier J. Galea qal li l-amministrazzjoni tista taħdem aħjar. Filwaqt li l-Kunsill iddiskusta u fehem il-volum tax-xogħol kif ukoll l-obbligi li joħorġu mill-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati, sar aċċenn li s-servizz lil pubbliku jrid jibqa' fuq quddiem tal-prijoritajiet tal-Kunsill.

46.1.2 Il-Viċi Sindku staqsa fejn wasal il-proċess għal reklutaġġ ta' membru ieħor tal-istaff. Il-Kunsill wasal fil-proċess li jagħmel *short listing* u laqgħa oħra tal-*Board* se ssir fit-12 ta' Settembru, 2011 fis-2 ta' wara nofsinhar.

46.1.3 Il-Kunsillier N. Gauci talab għal *breakdown* tar-riklami tal-*magazine* tal-Kunsill.

46.1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se ssir laqgħa min-naħa tal-MRRA li fiha se jkun hemm preżenti *Tas-Sliema Business Community* fejn talbu wkoll il-presenza tal-Kunsill dwar xogħlijiet ta tisbiħ ix-Xatt ta' Tigne (bejn Triq Bisazza u Triq Sant'Antnin).

46.1.5 Ġew ippreżentati zewg rapporti dwar l-istat ta' Għar id-Dud. Dawn kienu mitluba mill-Kunsillier J. Galea.

46.1.6 Ġiet ippreżentata korrispondenza mill-MITC dwar konsultazzjoni pubblika li kienu organizzaw dwar *Proposed Public Transport Network.* Din kienet mitluba mill-Kunsilliera M. Aquilina.

46.1.7 Il-Kunsillier J. Galea informa bl-attivita li se jorganizza għal *Clean Up Campaign* fejn qal li għandu bżonn il-*van* tal-Kunsill kif ukoll il-ħaddiema nhar it-18 ta' Settembru 2011 bejn it-8 ta' filgħodu u nofs in-nhar. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Il-Kunsill qabel li għandha tissejjaħ laqgħa *ad hoc* biex jigi diskuss it-tender dwar it-tiżjin fit-toroq bid-dawl għal żmien il-Milied. Din il-laqgħa għandha tissejjaħ għal-20 ta' Settembru 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

**Kif maqbul aktar kmieni mill-Kunsilliera prezenti l-laqgħa tal-Kunsill seduta 48 giet imsejjha għat-30 ta' Settembru 2011.**

Is-seduta ntemmet fis-7.32 ta' filgħaxija.

Johanna Gonzi
Sindku

Svetlana R. Curmi
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ............................6........ ta' ....Ottubru.... 2011.
(jum) (data) (xahar)